# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Dicembru 2018**

**Kawza Numru : 33**
**Rikors Guramentat Numru : 985/2018/LSO**

**Francis Xavier Chetcuti (K.I.679925M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Francis Xavier Chetcuti (KI679925M) datat 5 ta' Ottubru 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-esponent kien mizzewweg lil Valentina *sive* Violet Chetcuti nee' Busuttil (KI 748130M) li giet nieqsa nhar is-Sibt 28 t' Ottubru 2017;

Illi l-mewt tal-imsemmija Valentina *sive* Violet Chetcuti giet annotata mid-Direttur intimat permezz tac-certifikat tal-mewt 178 tas-sena 2018 (kopja annessa bhala "Dok A");

Illi fl-imsemmi certifikat hemm annotat illi d-defunta kienet *"widow of Francis Xavier Chetcuti";*

Illi huwa bic-cert illi din l-annotazzjoni hija *lapsus calami* min-naha tad-Direttur intimat, li meta gie avvicinat mill-esponent dwar dan l-izball, idderiga lill-istess sabiex jadixxi l-Qorti sabiex tordna l-korrezzjoni tal-att tal-mewt relattiv;

Illi l-esponent, ghandu l-interess rikjest mil-ligi sabiex jipproponi t-talba istanti.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi previa d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi fic-certifikat tal-mewt 178 tas-sena 2018 hemm zball fis-sens illi erronjament tnizzel li d-defunta

Valentina *sive* Violet Chetcuti kienet l-armla ta' Francis Xavier Chetcuti meta fil-fatt Francis Xavier Chetcuti ghadu haj;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda certifikat tal-mewt 178 tas-sena 2018 billi minflok *"widow of Francis Xavier Chetcuti"* jitnizzel *"wife of Francis Xavier Chetcuti".*

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-**Direttur tar-Registru Pubbliku** datata 16 ta' Novembru 2018 (fol 10) fejn bil-qima u l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu iddikjara u ikkonferma :

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi r-rikorrent ghandu rimedju ordinarju iehor sabiex jitlob korrezzjoni fl-Att tal-Mewt tad-decujus. Dan ir-rimedju huwa stipulat f' Artikolu 257(1)(a) tal-Kodici Civili li jippermetti korrezzjoni ta' jekk il-mejjet kienx mizzewweg jew le, armel jew armla - liema korrezzjoni tista' ssir fuq ordni bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistral irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili.

2. Illli bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat.

3. Illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal korezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 178/2018 skont kif mitlub mill-attur fir-rikors guramentat.

4. Illi l-esponenti jeccepixxi illi l-azzjoni tal-attur m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, dan kif proprju jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. Dan id-dokument huwa d-dikjarazzjoni tal-mewt ta' Valentina Chetcuti, li saret minn Aldo Chetcuti. Is-Sur Aldo Chetcuti kien il-persuna li ddikjara l-informazzjoni necessarja u li kkonferma l-istess permezz tal-firma tieghu stess. Ghaldaqstant, l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispjjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-seduta tal-Hamis 22 ta' Novembru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mattia Felice ghall-attur u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Felice ddikjara li mhux qed jinsisti ghat-talba dwar l-ispejjez, *in vista* tad-dokument anness mar-risposta. Id-difensuri qablu fuq il-fatt li r-rikorrent kien ghadu haj u b'hekk sar zball, u li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-

kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Dicembru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fil-15 ta' Ottubru 2018 (fol 9).

Illi r-rikorrent qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-att tal-mewt ta' mart ir-rikorrent bin-numru 178/2018, billi fejn hemm imnizzel li d-defunta kienet "widow of Francis Xavier Chetcuti", dan jigi korrett u minflok jitnizzel il-kliem "wife of Francis Xavier Chetcuti."

Ikkonsidrat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi r-rikorrent spjega fir-rikors promotur, li hu kien mizzewweg lil Violet Chetcuti, li giet nieqsa fit-28 ta' Ottubru 2017, kif jidher mic-certifikat tal-mewt, anness mar-rikors, Dok A. Illi in segwitu ghall-mewt ta' Violet Chetcuti fit-28 ta' Ottubru 2017, fic-certifikat tal-mewt taghha gie

annotat, li d-defunta kienet “widow of Francis Xavier Chetcuti”.

Illi *in vista* ta’ dak eccepit mill-istess intimat, li m’hemmx oggezzjoni ghat-talba odjerna fil-mertu, issib li t-talba odjerna hija gustifikata kif trid il-ligi, *stante* li huwa evidenti li l-att tal-mewt numru 178 tas-sena 2018 ghandu jigi korrett.

Illi d-Direttur intimat eccepixxa li kien Aldo Chetcuti, id-dikjarant tal-informazzjoni necessarja, kif jidher minn Dok DRP1 esebit a fol 12 tal-process. Ghalhekk, taqbel mal-intimat, li m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li fic-certifikat tal-mewt 178 tas-sena 2018, hemm zball fis-sens li erronjament tnizzel li Valentina sive Violet Chetcuti kienet l-armla ta’ Francis Xavier Chetcuti, meta fil-fatt Francis Xavier Chetcuti ghadu haj.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-att tal-mewt numru 178/2018 billi l-kliem “widow of Francis Xavier Chetcuti” jigi sostitwit bil-kliem “wife of Francis Xavier Chetcuti.”

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' Dicembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Dicembru 2018**